# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 576/00mm**

**Chris Cachia and Associates**

**Limited**

**vs**

**Suzanne Cassano**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465.00) rapprezentanti l-bilanc tal-import ta' kambjala numru '02/99'

datata 18 ta’ Ottubru, 1999, mill-konvenuta accettata favur Distinct Conversions Limited u girata lis-socjeta’ attrici.

Bl- ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ April, 2000, u bl-imghax legali mill-14 ta’ April, 2000, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet t-talba attrici

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammisjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenuta.